MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 328/2003

***U.C.I.M. CO. LTD.***

***vs***

***Patrick Calleja***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035) rappresentanti import ta' disa' kambjali, kollha ta' Lm115 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avvz u mmarkati bhala Dokumenti numri 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar 2003 jammontaw ghal Lm30, u bl-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Paul Cachia ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035), bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------